MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1462/2003

**Untours Insurance Agents Ltd ghal-Qatar Insurance Company surrogata fid-drittijiet ta' Veruschka Debono u l-istess Veruschka Debono**

**Vs**

**Keith Joseph Gilford**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-23 ta' Lulju 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm298.23 (mitejn u tmienja u disghin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu rapprezentanti ta' danni sofferti f'incident awtomobilistiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali li sehh San Giljan fl-4 ta' Frar 2003 bejn bus nru FBY 681 misjuqa minnu u karozza Suzuki nru VER 018 misjuqa mill-attrici u kundanna lill-istess konvenut li jhallas

danni fl-ammont ta' Lm373.23 lis-socjeta` attrici u Lm25 lill attrici Veruschka Debono – Dok P.

Bl-ispejjes, komprizi Lm11.50 ta' konsult u dawk tal-ittra ufficjali tal-lum ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-Avviz kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
1. L-incident de quo ma garax tort ta' l-eccipjent Keith Joseph Gilford.
2. Ghalhekk fejn jirrgiwardja l-istess Keith Joseph Gilford ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess l-atturi ghandhom jgibu prova skond il-ligi.
3. In oltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tad-danni.
4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjez kontra l-attur.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi gew proposti gew (2) versjonijiet ta` l-akkadut multo magis sanati minn passiggier li kien fuq il-karozza.

Rinfacjat b'din is-sitwazzjoni fejn kull parti hija konvinta mill-versjoni taghha, it-Tribunal ikollu bilfors jirrikorri ghal verosimilita' o meno tas-sinisitru.

Illi l-konvenut u x-xhud tieghu jallegaw li t-trakk kien wieqaf l-attrici qabzithom u meta giet biex iddur, dahlet bix-xellug taghha fuq il-lemin quddiem tax-xarabank. Da parti taghha l-attrici allegat li bix-xarabank wieqaf giet biex tikser lejn ix-xellug f'dak il-mument ix-xarabank qala u dahal fiha.

Skond kif allega l-konvenut bix-xarabank wieqaf, l-attrici ma kelliex ghalfejn tidhol go fih. Ratu, ikkalkulatu u darhet mieghu. Ikun inspjegabbli li kieku ghamlet dak allegat mill-konvenut.

Illi huwa aktar possibbli illi hekk kif -ghabba l-passiggieri u tela` l-inspector, qala' u ma rax il-vettura tal-attrici, li giet tahtu u missha. Dan l-iter tal-fatti sekwenzjali huwa aktar plawsibbli u probabbli. Wara kollox, it-Tribunal irid jiddeciedi fuq bilanc ta' possibiltajiet dwar it-talbiet attrici.

Illi t-talbiet attrici dwar id-danni ma gewx kontestati u qed jigi akkordati, li jammontaw ghal Lm 398.23 skond ricenti mhux dak erroneament indikat fil- faccata tal-avviz.

Jiddeciedi lill fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut jilqa it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta Lm 398.23 in kwantu ghal Lm 373.23 li socjeta' assiguratrici u Lm 25 lill-attrici bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------